MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 177/2007

Il-Pulizija
(Spt. Edel M. Camilleri)
Vs
Francis X. Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. fis-16 ta' Lulju, 2005, f'Hal-Luqa, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, w cioe' Van Toyota Hiace bin-numru ta' registrazzjoni ENE 180 kif ukoll ajruplan "Bulldog" tal-Forzi Armata ta' Malta bin-numru ASO022 Scottish Aviation Ltd.
2. Taht l-istess cirkostanzi, saq vettura minghajr licenzja tas-sewqan, u cioe' Van Toyota Hiace bin-numru ta'

registrazzjoni ENE 180, jew vettura ohra li ma ghandiex licenzja, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;
3. Fl-istess cirkostanzi, ghamel uzu minn vettura tal-kiri, u cioe' Van Toyota Hiace bin-numru ta' registrazzjoni ENE 180 minghajr licenzja mehtiega mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, meta l-istess vettura ma kienitx tajba ghall-uzu.
4. Saq vettura mhux assikurata kontra riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 t'April, 2007 li biha, wara li rat l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9, l-artikolu 15(1)(a)(2)(3)94) tal-Kapitolu 65 kif ukoll l-artikolu 18 tal-Kaptiolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-4 ta' Mejju, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tannulla s-sentenza appellata w tghaddi ghas-smigh tal-kawza w ssib htija, jew, alternattivament, tirriforma l-istess sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Francis Xavier Aquilina mit-tielet akkuza w tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel u t-tieni akkuzi, u minflok issibu hati ta' dawn iz-zewg akkuzi u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat li l-aggravji tal-Avukat Generali huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :- li s-sentenza appellata hija nulla peress li r-raba' reat addebitat lill-appellat ma giex konsidrat mill-Ewwel Qorti w li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u dan jirrizulta *ictu oculi* mid-dinamika tal-incident li sehh proprju minhabba n-negligenza ta' l-appellat ghax hu ferm difficli li wiehed jifhem kif sewwieq ta' van f' ajruport li johrog ghal go taxi-way u jahbat ma ajruplan wieqaf jista' jigi ezonerat mir-responsabbilta' kriminali! Li r-ragunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tillibera lill-appellat enumerati bin-numri 1 sa 7

fis-sentenza huma proprju ragunijiet li juru li l-appellat agixxa b' negligenza kbira Il-fatt li kemm il-van kif ukoll l-ajruplan kienu awtorizzati biex juzaw it-taxi-ways hija indikazzjoni cara li l-appellat ma messu qatt qabad u hareg qabel ma kien cert li ma hemmx ajruplani fil-vicinanzi. Il-fatt li l-vizwali ma kienetx cara, ma kienx hemm *traffic lights* u ma kien hemm ebda komunikazzjoni la mal-*control tower* u lanqas ma l-ajruplani huma kollha fatturi aggravanti fis-sens li l-appellat kellu juza prudenza akbar u mhux jaqbad u johrog go taxi way bl-iskuza li l-vizwali ma kienet tajba. Zgur li ma jistax jinghid li l-appellat ezercita dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias, anzi mill-provi jirrizulta li l-agir negligenti tieghu kienet il-kawza unika tal-incident. Inoltre is-sewqan tal-appellat fic-cirkostanzi indikati kien manifestament perikoluz u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha ssib htija ukoll fit-tieni reat.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni li bih irtirat l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza;

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li l-Qorti tkun tista' taccedi privatament fuq il-post tal-incident;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi , issa li gie rtirat l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, jibqa' biss dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li

dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk , fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda , l-Ewwel Qorti

ikollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta’ fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero’ taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b’mod “*safe and satisfactory”* ghall-konkluzzjoni ta’ htija.

Dan il-kriterju japplika ugwalment fil-kaz ta' appelli tal-Avukat Generali fejn tkun qed issir talba ghar-revoka ta' decizjoni ta' liberazzjoni tal-appellat mill-htija jew htijiet addebitati lilu.

Ikkonsidrat,

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet din il-Qorti tal-provi, jirrizulta li fis-16 ta' Lulju, 2005, ghall-habta tas-6.05 am., l-appellat kien qed isuq van Toyota tal-EneMalta bin-numru ta' registrazzjoni ENE 180 fuq it-taxi way "Papa" fid-direzzjoni ta' Y-Junction li mix-xellug taghti ghar-runway 24-06 u mill-lemin tidhol go Taxi way "Quebec" gol-ajruport internazzjonali ta' Hal Luqa. (ara pjanti a fols 13 u 14 tal-process verbal) . Fl-istess hin l-ajruplan tal-Forzi Armati ta' Malta (AFM) tal-ghamla Bulldog , single engine, two seater , bin-numru ta' registrazzjoni AS-0022 kien qed jinnegozja liwja lejn ix-xellug fuq it-tarf ta' taxi-way "Quebec" hiereg lejn l-istess Y-Junction wara li kien ghadu kif telaq mill-bazi tal-Air Squadron tal-AFM.

Il-van misjuq mil-appellat jidher li habat bil-quddiem tieghu mal-gewnah tax-xellug (port wing) tal-Bulldog u intlaqat ukoll mill-propellor tal-ajruplan fuq il-bieba tax-xellug tieghu w l-ajruplan u l-vettura spiccaw kif jidhru fil-pjanti msemmija w fir-ritatti esebiti a fol. 69 sa 72 u fl-involukru a fol. 169 tal-process verbal. Il-habta saret f' kurva fit-tul li hemm bejn fejn taxi way "Quebec" tidhol go taxi way "Papa" jew vice versa.

Illi kif jidher mir-ritratti esebiti kollha it-taxi-ways huma iffjankati minn grass strips wiesghin b' haxix mizmum baxx u ma hemmx bini jew kantunieri li jistghu jostakolaw il-vizwali reciproka ghal min ikun gej fiz-zewg direzzjonijiet li minnhom kienu gejjin l-ajruplan u l-vettura misjuqa mill-appellat. Di fatti il gewwa mill-parti karreggjabbli tat-taxi ways immarkata b' zewg linji kontinwi sofor, hemm *"shoulder"* ukoll pavimentata bit-tarmac u il-gewwa minn din is-*"shoulder"* hemm il-haxix baxx li jidher fir-ritratti.

Umbaghad f' certa distanza il gewwa mill-bend hemm xi bini tal-Air Squadron konsistenti f' diversi Nissen Huts, imma dawn qeghdin il-gewwa bizzejjed biex ma joholqu ebda ostakolu ghall-vizwali reciproka. Illi fl-atti tal-process verbal jinsabu esebiti set ritratti a fols. 165 u 166 li juru kif tkun il-vizwali bix-xemx tiela qed tisponta minn wara l-Knisja Parrokkjali ta' Hal Luqa fil-hin ta' filghodu vicin dak li fih gara l-incident. Jigi osservat li ghalkemm jidher li x-xemx dak il-hin tkun baxxa w tista' tkun ta' tfixkil ghal sewwieq li jkun gej kif kien gej l-appellat, id-dalma li tidher fl-istess ritratti hija rizultat tal-eghluq awtomatiku tal-*aperture* tas-shutter tal-lenti tal-camera meta tigi ppuntata lejn ix-xemx u ghalhekk dawn ir-ritratti jistghu jingannaw dwar il-vizwali attwali li kellu l-appellat ezatt qabel l-incident ghax jaghtu impressjoni ta' dalma kbira maqtugha biss bir-raggi tax-xemx jispuntaw minn wara l-bini tar-rahal ta' Hal Luqa. Kien ghalhekk li din il-Qorti hasset il-htiega li taccedi privatament f' data vicin meta gara l-incident u fl-istess hin - kif awtorizzata li taghmel mill-partijiet - biex tikkonstata *de visu* l-vizwali reciproka li kellhom l-appellat u l-piloti tal-Bulldog.

Meta ghamlet dan,  din il-Qorti kkonstatat li d-dalma fil-livell tal-art li tidher fir-ritratti msemmija fil-fatt ma tezistix u l-lok dak il-hin tat-tlugh tax-xemx ikun imdawwal sew u jkun ilu hekk imdawwal ghal xi tlitt kwarti qabel ma titla’ x-xemx.  Hu fatt li x-xemx baxxa tista’ tkun ta’ tfixkil ghall-viswali ta’ sewwieq gej minn naha ta’ kif kien gej l-appellat, pero’ mhux fi grad tali li jaghmilha impossibbli li dak li jkun jara ajruplan gej idur il-bend mill-faccata. Ghalhekk il-fattur tax-xemx, ghalkemm seta fixkel lill-appellat, zgur li ma kienx il-fattur determinanti tal-incident.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta ukoll li l-ajruplan kellu l-*clearance* tal-Control Tower biex jistartja u jittaxija fuq taxi way Quebec u aktar tard biex jidhol fl-undershoot tar-runway zero six (06) u jaghmel il-*line up* fuq ir-runway 14. (ara Dok MB21 a fol.74 tal-process verbal). Ghalhekk ma hemmx dubju li l-ajruplan kellu kull dritt li jkun fejn kien meta ntlaqat mill-van misjuq mil-appellat. Ma hemmx dubju ukoll li skond il-prassi stabilita, vetturi ohrajn li jiltaqghu ma ajruplani fuq taxi ways ghandhom icedu u jaghtu *priority* lill-ajruplani w, jekk hemm bzonn, anki jwarrbu minn fuq it-taxi way u jidhlu fuq il-haxix li jkun qed jiffjanka t-taxi way.

Issa fil-waqt li kemm il-pilota Carabez u l-Observer/technician Titley xehdu li meta waslu fil-liwja raw il-van gej minn distanza ta' xi 40 metru boghod u li meta raw li dan ser jibqa' gej ghal fuqhom waqfu u l-pilota tefa' l-magna, u li l-habta grat meta huma kienu gja waqfu, l-appellat jghid li hu f' daqqa wahda sab l-ajruplan ma wiccu, pprova jevitah u waqfu kollha. Mistoqsi mill-Avukat tieghu jekk meta kien fit-taxi way "Papa" jarax wara l-liwja, l-appellat wiegeb: ***"Le"*** u mistoqsi ghaliex , wiegeb: ***"Ghax umbaghad tigi corner."*** Ghas-suggeriment tal-avukat tieghu : "Jigifieri hawnhekk hawn blind corner?" wiegeb ***"Iva, mela."*** Ghad-domanda f' lokha hafna tal-Ewwel Qorti: "Hemm xi bini igifieri li huwa intruzjoni fil-vizjoni tieghek jew le?" l-appellat wiegeb : ***"Le. Ma hemmx bini."*** Ghad-domanda ta' l-Ewwel Qorti : "…Allura ghalfejn ma tistax tara?" wiegeb bit-tqanzieh : ***"Il-mod kif qeghdha l-liwja."*** Umbaghad dar id-diskors fuq il-lights li ma setax jara go "Quebec" meta l-punt ma kienx ghax ma setax jara l-lights li huma il gewwa go "Quebec", imma ghaliex ma rax l-ajruplan li kien wasal biex johrog l-ahhar fuq "Papa".

Aktar 'l isfel fix-xiehda tieghu meta l-Avukat difensur staqsieh: "Issa fix-xiehda tieghek quddiem l-expert tissemma' x-xemx. ..spjega ftit lill-Qorti x' ezattament kienet din?" l-appellat wiegeb **: *"din kienet, kif inti qieghed hekk, dritt, sewwa? Fil-liwja , jigifieri meta***

***gejt hekk soqt bil-mod, umbaghad giet ix-xemx fuqi, go fija u sibt l-ajruplan."*** Ghad-domnda diretta : "Jigiferi dik grat meta inti qrobt il-liwja?" l-appellat wiegeb : *"**Lejn il-liwja, iva."*** . Ghad-domanda diretta l-ohra : "Jigifieri sakemm inti ghaddej fil-parti dritta fil-Papa taxi Way, ix-xemx ma teffettwakx." L-appellat qal : ***"Le ma taffettwanix."***

Mistoqsi in kontroezami la l-espert tal-inkjesta kien qal li x-xemx ma setghet qatt ittellef il-vizjoni tieghu, x' ghandu xi jghid, l-appellat irrisponda ***"Lili tellfitni l-verzjoni"*** [recte: vizwali] u li l-espert zbalja. Hawn intervjeniet l-Ewwel Qorti u staqsietu: "…dak il-hin ix-xemx tkun ghadha kemm titla' ezatt, hux hekk?" U l-appellat wiegeb : ***"Ezatt u tigi faccata, hekk."*** Sostna ukoll li hu kien miexi bil-mod u li ma kienx accelera qabel il-habta. L-ajruplan ma kienx rah x' hin qabad it-taxi way. Meta l-ufficjal prosekutur staqsieh : "…x'gieghelek ma tilwix lejn il-haxix - l-area fejn hemm il-haxix?" L-appellat wiegeb *: "**Ghax….fuq l-ajruplan..kieku kont nizgiccah."*** Ghad-domanda : "Int l-ajruplan ma rajtux." Wiegeb : ***"Le, gie fuqi mill-ewwel l-ajruplan."***

L-appellat umbaghad xehed li hu kellu licenzja biex isuq il-van involuta w uriha lill-Ewwel Qorti.

Meta xehed quddiem l-esperti fl-inkjesta magisterjali l-appellat kien qal *"inter alia"* li: hu kien ta l-fuel lill-helicopter tal-AFM li kien gol-*hut* u hekk kif lesta ddecieda li jmur hdejn l-ufficju tal-EneMalta li jinsab hdejn il-*fire section*. Ghadda minn hdejn il-microlight aeroplanes u hekk kif hareg ghal gor-runway [Recte : Taxi way] "Quebec", ra d-dawl jixghel ahmar. Hekk kif qed suq bil-mod sab l-ajruplan go fih. Mistoqsi kif seta jara d-dawl ahmar waqt li l-ajriplan ma rahx, l-appellat wiegeb li minhabba x-xemx kif kienet hu ma setax jara l-ajruplan. Bhala procedura meta jaraw bozza hamra, iridu jieqfu w cioe' hemm *stop light* sabiex jidhlu hemm gew u jistennew l-ajruplan sakemm id-dawl fuq ir-runway jaqleb ahdar. L-incident sehh ftit metri boghod fejn hemm l-entratura tal-istess stop light***."Nghid li jien qatt ma bbrejkjajt u bqajt diehel go fih."***

Ikkonsidrat;

Illi minn dawn il-provi jidher li l-kwistjoni kollha timpernja ruha fuq jekk l-appellat kienx qed izomm *"proper lookout"* jew le u x' kienet ir-raguni li ma rax lill-ajruplan minn ferm qabel ma jghid li sabu fuqu, meta mall-gnub tat-taxi way ma kienx hemm ostakoli li setghu hbew l-ajruplan riesaq lejn fejn saret il-habta mill-vizwali tal-appellat.

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "*driver to see what is in plain view".*
(App. Krim. **"Il-Pul. vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] ) u *li "min ma jarax dak li ragonevolment*
*ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali :
**"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** , [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more*
*than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in*
*one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side*
*to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements*
*on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].)

Illi din il-Qorti xejn ma hi sodisfatta bl-ispjegazzjoni li ppruva jaghti l-appellat li ma setax
jara l-ajruplan qabel ma dahal go fih bla lanqas biss ibbrejkja meta hemmhekk hemm
berah enormi u ma kien hemm xejn x' jostakola l-vizwali tieghu. Anki jekk
temporanjament setghet ghamietu x-xemx, imissu waqaf ghal kollox jew irrallenta
bizzejjed biex ikun jista' jieqaf f' kaz li jitfacca xi haga quddiemu. Kien umbaghad
jinkombi fuqu li hekk kif jara l-ajruplan fit-taxi way, icedilhu u, jekk hemm bzonn,
anki johrog hesrem minn fuq it-taxi way biex jevita kull perikolu ta' habta mal-ajruplan.
Jekk stess ma kellux kuntatt mat-tower u mall-ajruplan, imissu qaghad ferm aktar

attent u dawn il-fatturi zgur li ma jistghux iservi ta' skuzanti jew skriminanti fil-konfront
tieghu. Del resto fil-kors tat-traffiku ordinarju ebda driver ma ghandu xi kuntatt
radiotelefoniku mal-vetturi l-ohra li jkun hemm fit-triq jew ma xi torri ta' kontroll
li jaghtih preavviz ta' xi hadd gej minn wara xi liwja. Li umbaghad jilmenta li ma
hemmx dwal meta quddiem l-espert l-appellat kien xehed li kien ra d-dawl ahmar jixghel,
juri li l-appellat ghamel kull tentattiv possibbli, anki sahansitra li jikkontradici ruhu
bil-gurament, biex jipprova jahrab mir-responsabbilta' manifesta tieghu ghal-incident.

Illi l-appellant, ghalkemm mhux qed isemmiha espressament, donnu jidher li qed jirrikorri ghad-difiza tas-“*sudden emergency*” ghax qal li l-ajruplan sabu fuqu. Issa pero’, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera”** [13.12.68] :

*“Driver ma jistax jissolleva b’success id-difiza tas-”sudden emergency” meta l-emergenza jkun holoqha hu.”*

F' dan il-kaz jekk l-appellat inhasad ghax sab l-ajruplan fuqu, dan hu attribwibbli
biss ghan-nuqqas ta' proper lookout manifest tieghu qabel l-incident u ghal xejn izjed.

Illi fir-rizoluzzjoni ta’ responsabbilta’ naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x’ kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. **“Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**” (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta’ ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm <u>nexus</u> fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim**.”Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef”** [3.12.1960].) F' dan il-kaz hu manifest li s-sewqan bla proper lookout tal-appellant qabel l-incident li impedielu li jiehu azzjoni evaziva tempestiva biex jevita l-ajruplan li kellu d-dritta fuq dik it-taxi way,kien indubbjament il-kawza prossima tas-sinistru, w din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-

Ewwel Qorti setghet remotament legalment u ragjonevolment tirritjeni xorta' ohra.

Inoltre jidher li ghal xi raguni ukoll mhux spjegabbli l-van misjuq mill-appellat kien qed jinsaq fuq in-naha tal-lemin tac-centre line tat-taxi way, meta ir-rule of the road tghid li vetturi ghandhom dejjem jigu misjuqa fuq ix-xellug tat-triq, The Malta Highway Code para 55 jghid : “keep well to the left”. Din il-posizzjoni hazina fit-triq ukoll ikkontribwit ghall-incident.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant dwar ir-responsabbilta' tal-incident qed jigi akkolt u din il-Qorti issib li l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellat tirrizulta manifestament u ampjament minghajr ma jista' jkun hemm l-icken dubju dettat mir-raguni.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni - li fir-realta' fiha mhux inqas minn erba akkuzi u cioe' dik ta' sewqan bla licenzja tas-sewqan u sewqan b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b' mod perikoluz - jintqal mil-ewwel li l-akkuza ta' sewqan bla licenzja ma tirrizultax pruvata anzi jirrizulta propjru l-kuntrarju w ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali fir-rigward ta' din il-parti tat-tieni imputazzjoni hu infondat u qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tat-tlitt akkuzi l-ohra w cioe' dawk ta' sewqan bi traskuragni, bla kont u perikoluz kontenuti fit-tieni imputazzjoni, jinghid li, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta’ *“Degree*”. (App.Krim. "**Pul. vs. Charles Bartolo"** [14.3.1959]**; "Pul. vs. Wilson",** Vol. XXXIX p. 1018 u **"Pul. vs. Alfred Vella",** Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta’ taghhom (App. Krim. "**Pul. vs. Hardingham"** , [19.10.1963]). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta’ sewqan perikoluz, hemm bzonn ta’ certu grad ta’ *“recklessness*” (App. Krim. "**Pul. vs. Charles Farrugia"** XXXIX p. 1018.) “*Recklessness*” giet defenita bhala *“wilfully shutting one’s eye* “.(App. Krim.

"**Pul. vs. Joseph Aquilina"** [20.4.1963]). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. "**Pul. vs. Antonio Spiteri"** , Vol. XLIV , p.892)

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : **"The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :-

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"**
( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;-
*"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u non-kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu."* (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"** [5.3.1955] Vol. XXXIX, iv. p.978)

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' **Mallia** u **Bartolo** fuq citati "kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas

wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' *"degree"* u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."

Ikkonsidrat;

Li meta wiehed iqis il-gravita' tal-incident li wasslet biex ajruplan tal-armata isofri danni serji w il-potenzjal ta' perikolu ferm akbar li kieku mall-impatt l-ajruplan ha n-nar, kif seta' gara facilment b' ajruplan mimli aviation fuel ghadu qed jittaxija biex itir fuq titjira tar-ronda mall-kosta, b' mod li setghu ikorru serjament jew addirittura jmutu kemm iz-zewg membri tal-ekwipagg tal-ajruplan kif ukoll l-istess appellat, din il-Qorti tqis in-nuqqas totali ta' lookout effettiv tal-appellat fuq taxi way f' ajruport kif ukoll is-sewqan fuq in-naha tal-lemin tal-karreggjata b'mod li kien "cutting the corner" bhala li jammonta fic-cirkostanzi ghal sewqan perikoluz u mhux wiehed ta' grad inqas. Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant Avukat Generali qed jigi milqugh.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni ma saret ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti u del resto l-Avukat Generali qed jitlob li s-sentenza appellata tigi konfermata kwantu ghal-liberazzjni minn din l-imputazzjoni.

Fl-ahhar nett jigi rilevat li fit-talba alternattiva ghar-riforma tas-sentenza appellata, l-Avukat Generali ma talabx li din il-Qorti ghandha tirrevoka d-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet kif dedotti kontrieh (inkluza allura r-raba imputazzjoni) imma talab <u>biss</u> ir-revoka tal-parti tas-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel u mit-tieni akkuzi. Ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tidhol fil-mertu tar-raba' imputazzjoni ta' sewqan ta' vettura minghajr kopertura ta' polza tas-sigurta' kontra r-risjki ta' terzi, una volta li l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza ghax - skond l-Avukat Generali - l-Ewwel Qorti ma ddecidietx fuq din l-akkuza , gie cedut.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellat hati

tal-ewwel parti tat-tieni (sewqan bla licenzja tas-sewqan u ta' van mhux bil-licenzja), tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u lliberatu minnhom, tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni u tat-tieni parti tat-tieni imputazzjoni (sewqan b' manjiera traskurata, bla kont u perikoluza) u minnflok isib htija tal-istess imputazzjonijiet b' dan li dawk ta' sewqan b' manjiera traskurata u sewqan bla kont huma assorbiti f' dak ta' sewqan perikoluz, li a sua volta hu assorbit fl-ewwel imputazzjoni, u , wara li rat l-artikolu 328 (d), 17 (h) u 11(1) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 15 (1) (a) (2) (3) u (4) u 18 tal-Kap.65, tikkunndannah ghall multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u tordna li l-appellat jigi sospiz u skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien tlitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------